MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2011

Numru. 107/2011

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR EDEL MARY CAMILLERI**
**KONTRA**

**SULEQA ADAM SULIEIMAN**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Suweqa Adam Sulieman ta' Nazzjonalita' Somala, mwielda f' Mogadishu Somalja fl- 1991, bint Adam Sulieiman u Kos Awsal, bin- numru tal- Pulizija 09M-048;

Li giet mressqa quddiemha sabiex twiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) F' Gunju 2010 u x- xhur ta' qabel u wara, f' dawn il- Gzejjer, f'Malta, imbarkat minn Malta minghajr ma kellha passaport u minghajr ma tat lill- Ufficjali Principali ta' l- Immigrazzjoni l- informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l- ohra kif l- Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni jidhirlu xieraq u mehtieg u dan bi ksur tal-Artikolu 28 tal- Kap 217 tal- Ligijiet ta' Malta;

2) Ukoll talli taht l- istess cirkostanzi, kisret sentenza sospiza tal- Qorti, b' sentenza mghotija lilha fis- 26 ta' April 2010 sentenza mghotija mill- Magistrat Dr. Antonio Govanni Vella LL.D;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnha wara li l-Qorti tatha zmien xieraq skond il-ligi sabiex tikkonsidra sew din l-ammissjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Qorti giet infurmata li l-imputata kienet harbet minn Malta minghajr dokumenti validi, u dahlet fl-Isvezja bl-istess dokumenti. Minn hemm, hi ntbaghtet lura hawn Malta sabiex twiegeb ghal dawn l-imputazzjonijiet. Ma inghatat l-ebda spjegazzjoni ghal din il-harba. Irrisulta ukoll li l-imputata kellha "humanitarian protection status" hawn Malta, u kienet fi stadju avvanzat li tinghata

passaport validu malti, sabiex tkun tista’ tmur fil-pajjizi ewropej kollha fiz-zona Schengen liberament. Ghalhekk il-Qorti hi ferm perplessa ghalfejn l-imputata qabdet u telqet minn Malta, bil-konsegwenza li tipperikola u tippregudika l-posizzjoni legali u guridika taghha.

Inoltre, irrisulta wkoll li l-imputata kienet tqila b’tarbija sa ftit tax-xhur ilu, izda b’xorti hazina din tilfitu. Apparti minn hekk, hi tbati minn kundizzjoni medika partikolari, li minhabba f’hekk ghandha bzonn attenzjoni kontinwa u kura attenta, kif fil-fatt qed tinghata. Tenut kont tac-cirkostanzi hawn fuq indikati, ghalhekk, il-Qorti issa ghandha tikkonsidra l-piena ghal dan il-kaz. L-imputata gia’ inghatat sentenza ta’ prigunerija sospiza – minn din il-Qorti hekk kif ippresjeduta – u in vista ta’ dan ir-reat waqt il-perijodu operattiv tal-istess sentenza sospiza, trid tara jekk ghandhiex tiddahhal fis-sehh dik is-sentenza, jew ghandhiex il-Qorti tkun klementi ghal darb’ohra mal-imputata.

Il-Qorti sejra taghzel din it-tieni triq u turi klemenza mal-imputata. Il-Qorti tifhem il-gravita’ tal-ksur tal-ligijiet tal-kontroll tal-immigrazzjoni, liema ligijiet ghandhom dejjem jigu protetti skrupolozament. Min-naha l-ohra, il-Qorti ma tistax tinjora x-xewqa umana ghal gejjieni ahjar f’pajjiz differenti, bhal ma ghandha l-imputata, liema xewqa hija inaljenabbli. In vista tal-fatt li hi sejra tinghata passaport malti f’qasir zmien, il-Qorti ma tarax ghalfejn issa ghandha tkun severa mal-imputata u ccahhadha minn opportunita’ li ttejjeb il-hajja taghha u tikseb il-futur taghha f’pajjiz iehor.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikolu 28 tal- Kapitolu 217 tal- Ligijiet ta’ Malta;
U l-Artikolu 28B(2)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Din il- Qorti qed issib lill- imputata hatja u ghaldaqstant tilliberaha bil- kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien

sena ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.
Testendi l- perjodu operattiv tas- sentenza sospiza datata 26 ta' April 2010 ghal sena ohra, sas- 26 ta' April 2012.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------